Written by Website Publisher Manager
Tuesday, 06 May 2014 11:32 - Last Updated Wednesday, 11 June 2014 11:39

# Il-Festa tar-Rebbiegha 2014




Ftit tal-granet ilu beda l-istagun tar-Rebbiegha, stagun li fih kull hlejqa terga' tiehu l-hajja, kull fjura tqum u kull gurnata titwal. F'dan l-istagun il-Kumitat Festi Esterni San Gorg Martri flimkien mal-Kunsill Lokali ta Hal-Qormi ser itellghu bix-xieraq il-Festa Tar-Rebbiegha ghas-sitt sena konsekuttiva. Din hija festa fil-Parrocca Gorgjana li tigbed mijiet ta' nies ghaliex toffri tizwieq ta' tradizzjonijiet Maltin.

Attrazzjonijiet Unici fil-Festa tar-Rebbiegha:

Il-Festa tar-Rebbiegha ser tkun mifruxa fuq jumejn u tibda il-Gimgha 16 ta' Mejju fejn bhal kull sena l-attivita ser tkun ikkoncentrata fejn il-knisja Arcipretali ta' San Gorg. Waqt l-attivita ser ikun hemm diversi stands ta' l-artigjanat u snajja varji, kif ukoll ma jonqsux id-diversi stands bl-ikel tradizzjonali, fosthom Tonn, Tigieg, Majjal, erba' tipi ta' ghagin u mejda bl-ikel tradizzjonali Malti. Fuq nota aktar moderna u originali, ser ikun hemm ukoll 'Cocktail Bar', innovazzjoni fil-Festa tar-Rebbiegha.

F'dan l-ewwel jum fost diversi attrazzjonijiet matul is-serata kollha, fuq il-palk principali ser jkun hemm varjeta ta' muzika Pop u classic rock mill-grupp DBENNED, filwaqt lis-Sibt ser ikollna serata mimlija muzika Maltija mill-Grupp 'Maltin Biss'.

Written by Website Publisher Manager
Tuesday, 06 May 2014 11:32 - Last Updated Wednesday, 11 June 2014 11:39



Written by Website Publisher Manager
Tuesday, 06 May 2014 11:32 - Last Updated Wednesday, 11 June 2014 11:39



[illegible]